MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 2018/2004

**Jeremy Galea**

**Vs**

**Christopher Cuschieri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ta’ l-attur li bih talab is-somma ta’ elf u mitt lira Maltin (Lm1,100) jew somma verjuri rapprezentanti d-danni kollha minnu soferti bhala konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta’ Mejju, 2004 fi Triq Dun Karm, B’Kara ghall-habta tal-9.45p.m bejn il-partijiet, liema kollizjoni sehhet unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffku da parti ta' l-attur.

Illi dwar l-istess kollizjoni hemm kawza ohra pendenti quddiem dan it-Tribunal fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Ltd noe Vs Jeremy Galea (Avviz Numru 1875/2004GMA)** li kienet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum stess u li diga' giet deciza. Precedentement kien gie deciz li stante li z-zewg kawzi kienu jirrigwardaw l-istess incident awtomobilistiku, jinstemghu kontestwalment.

Ra x-xhieda ta' Jeremy Galea li spjega li fid-9 ta' Mejju, 2004, waqt li kien ghaddej mill-Bypass ta' B'Kara sabiex imur lejn Hal Balzan, u waqt li kien qed idur mar-*roundabout* hdejn il-Mater Dei, kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura Honda CRX bin-numru ta' registrazzjoni KBF 125 misjuqa mill-konvenut.

Jghid li waqt li kien qed idur mar-roundabout dahal go fih il-konvenut u ma' l-impatt tefghu fuq is-*central strip*. Nizel mill-karozza sabiex jara xi hsara kellu, meta filwaqt u l-hin il-konvenut beda jtih u jigdmu, tant li mbaghad tefghu ma' l-art u beda jtih bil-ponn u kellhom jifirduhom in-nies. Wara li waqfuh in-nies rikeb fil-karozza u telaq. Minhabba f'hekk, il-pulizija ma setghetx taghmel l-iskizz.

L-attur esebixxa c-certifikati medici minhabba l-griehi li sofra.
L-attur jghid li kienu ghaddew fuq il-post il-pulizija u kienu hadu rapport ta' l-incident.

Jispjega wkoll li fil-bidu s-socjeta' assigurattrici tal-konvenut accettat ir-responsabbilta' ta' l-assigurat taghhom u kienu ordnaw li jsir *survey report*, pero' mbaghad ordnaw li jitwaqqaf kollox. Bhala *survey report*

jirrizulta li x-xoghlijiet, inkluzi l-parts kien ser jammonta ghal cirka elf u mitt lira Maltin (Lm1,100).

Ra x-xhieda ta’ Cynthia Borg, li tghid li kienet involuta f’incident awtomobilistiku meta kienet passiggiera fil-vettura Peugeot 306, misjuqa mill-attur. Tispjega li kienu ghaddejjin fil-Bypass ta’ B’Kara u riedu jmorru lejn Hal Balzan, izda l-attur kien ghamel zball u kienu sejrin fid-direzzjoni lejn l-Imsida. Kienu qed iduru mar-*roundabout* wara li skorrew l-Isptar Mater Dei meta karozza ohra dahlet go fihom u mad-daqqa baqghu telghin mas-*central strip*.

Tghid li hi ma nizlitx mill-karozza ghaliex hassitha storduta. Izda l-attur kien nizel flimkien mal-konvenut u f’daqqa wahda rat lill-konvenut jahbat ghall-attur. Imbuttah u ratu jigdmu fuq idejh u daru. Peress illi l-konvenut kien ta’ statura akbar mill-attur kien spicca ma’ l-art u baqa’ jtih.

Ix-xhud tghid li baqghet fil-karozza u ppruvat iccempel lill-pulizija. Sadanittant, in-nies kienu waqfu biex jifirduhom u b’hekk gara li l-konvenut qabad u telaq bil-karozza tieghu. Kien wara li nsertaw ghaddew il-pulizija u nfurmawhom b’dak li kien gara.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi kif inghad din il-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza l-ohra imsemmija u cjoe’ l-kawza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Ltd noe Vs Jeremy Galea (Avviz Numru 1875/2004GMA)** li kif inghad gja’ giet deciza llum. Ghalhekk dan it-Tribunal fl-ewwel lok jaddotta l-istess xhieda kif ukoll l-istess kunsiderazzjonijiet kif enuncjati f’dik is-sentenza li qed japplika ghal din il-kawza. Il-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal kienet u allura tibqa’ illi ghall-incident de quo jahti unikament l-attur odjern, konvenut fil-kawza l-ohra.

Ghall-istess motivi ghalhekk jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------